



23.10.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Petizzjonijiet

dwar ir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE 2017: Insaħħu d-Drittijiet taċ-
Ċittadini f'Unjoni ta' Tibdil Demokratiku
(2017/2069(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Krystyna Łybacka

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza r-rwol tal-edukazzjoni, it-taħriġ, il-kultura u l-isport fil-promozzjoni tad-drittijiet marbuta maċ-ċittadinanza tal-UE, iċ-ċittadinanza attiva u s-solidarjetà, kif ukoll fit-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej tagħna, abbażi tal-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; jirrikonoxxi li permezz tal-kooperazzjoni u l-iskambju transnazzjonali u interkulturali, il-programmi tal-UE, bħall-Erasmus+, il-programm Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza, il-programm Ewropa għaċ-Ċittadini u l-programm Ewropa Kreattiva, jikkontribwixxu għall-oġġettivi msemmija hawn fuq;
2. Jenfasizza li l-programm Ewropa għaċ-Ċittadini jippromwovi fehim aħjar tad-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini fl-UE; jirrakkomanda, għalhekk, li l-ġenerazzjoni li jmiss tal-programm tiġi adottata b'bażi legali li tippermetti li l-Parlament ikun involut bħala koleġiżlatur fl-istess livell mal-Kunsill u li jkun hemm aktar riżorsi umani u finanzjarji biex jiżdied l-għadd ta' proġetti appoġġjati;
3. Jenfasizza l-importanza li, permezz tal-programm Erasmus+, jitrawwem l-iżvilupp ta' ħiliet trasferibbli li jtejbu l-fehim interkulturali u l-parteciġazzjoni attiva f'soċjetajiet differenti;
4. Ifakkar li hemm bżonn sforzi kontinwi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE dwar drittijiethom u biex ikun żgurat li daww id-drittijiet jiġu infurzati b'mod uniformi fl-UE kollha, filwaqt li jiġu enfasizzati l-opportunitajiet iġġenerati mill-appartenenza għall-UE; jissottolinja r-rwol tal-istituzzjonijiet edukattivi fis-sensibilizzazzjoni taż-żgħażaġh dwar id-drittijiet tagħhom fl-UE u fl-appoġġ għaċ-ċittadinanza attiva; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tipprovi qafas komuni għat-tagħlim dwar l-UE fl-iskejjel u jhegġegħ lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li dan il-qafas ikun effettivament inkluż fil-kurrikuli tal-iskejjel; jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni, barra minn hekk, li l-promozzjoni tal-għarfien dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE teħtieġ kooperazzjoni fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali; jenfasizza, għal dan il-għan, li għandu jingħata taħriġ adegwat u speċifiku f'kull livell, partikolarment fil-livell reġjonali u lokali;
5. Huwa tal-fehma li sabiex ikun żgurat li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu tassew iggarantiti drittijiet ugwali, is-sistemi edukattivi għandhom ikunu aċċessibbli u inklużivi, b'enfasi partikolari fuq l-aktar kategoriji żvantaġġati u vulnerabbli, u għandhom joffru edukazzjoni ta' kwalità għolja li thegġegħ iċ-ċittadinanza attiva u tagħlim tul il-ħajja li jirrispondi għall-ħtiġijiet tal-ekonomija u tas-soċjetà;
6. Ifakkar il-ħtieġa li l-għalliema u l-professjonisti fil-qasam edukattiv jingħataw l-għajnuna biex jagħmlu l-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-UE u ċ-ċittadinanza parti integrali mit-tagħlim tagħhom; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa tal-promozzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' pjattaformi online bħal School Education Gateway, Teacher Academy u Open Education Europa sabiex il-professjonisti fil-qasam edukattiv ikun jista' jkollhom aċċess għal materjal edukattiv multilingwi innovattiv, inkluż dak adattat għall-istudenti bi

bżonnijiet speċjali, li jgħinhom jispiraw u jimmotivaw lill-istudenti fit-tagħlim relatat mal-UE;

7. Jissottolinja r-rwol tal-mobilità fl-iżvilupp personali taż-żgħażaġħ permezz tat-titjib fit-tagħlim u l-iskambju kulturali, li jtejjeb l-għarfien taċ-ċittadinanza attiva u l-prattika tagħha; iħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġjaw il-programmi tal-UE li jippromwovu l-mobilità;
8. Japprezza l-importanza tal-kultura, l-arti u x-xjenza bħala aspetti integrali taċ-ċittadinanza attiva tal-UE; jisħaq fuq ir-rwol tagħhom fit-tiħiħ tas-sens ta' appartenenza komuni taċ-ċittadini għall-Unjoni tagħna, li jagħti spinta lill-fehim reċiproku u jstimula d-djalogu interkulturali;
9. Iħeġġeġ iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar il-valuri Ewropej u d-drittijiet taċ-ċittadini fl-UE fost l-istudenti ta' kull età permezz tal-edukazzjoni formali, mhux formali u informali sabiex jitjiebu l-fehim interkulturali u s-solidarjetà fl-Ewropa;
10. Jemmen li huwa importanti li jitrawwem fehim tal-kultura u l-valuri Ewropej fost il-migranti – sabiex issir aktar faċli għalihom li jintegraw ruħhom – u li jitrawwem id-djalogu interkulturali bil-promozzjoni tal-kulturi nattivi tal-migranti u t-titjib tal-ħiliet taċ-ċittadinanza ewlenin tagħhom;
11. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ l-impenn politiku taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-UE; iħeġġeġ il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni demokratika billi jiġi intensifikat id-djalogu maċ-ċittadini, jissaħħaħ il-fehim taċ-ċittadini dwar ir-rwol tal-leġislazzjoni tal-UE fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, u jiġi ssottolinjat id-dritt attiv u passiv tagħhom li jivvutaw fl-elezzjonijiet lokali u dawk Ewropej, jgħixu fejn jgħixu fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta, f'dan ir-rigward, il-mezzi tax-xandir soċjali u l-għodod diġitali b'enfasi speċjali fuq iż-żieda tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ u tal-persuni b'diżabilità; jitlob l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod ta' demokrazija elettronika, bħalma huma l-pjattaformi online, biex iċ-ċittadini jkunu involuti b'mod aktar dirett fil-ħajja demokratika tal-UE, u b'hekk titrawwem il-parteċipazzjoni tagħhom;
12. Ifakkar l-importanza li jiġi estiż u approfondit id-djalogu strutturat maċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom – u b'hekk jiġu identifikati l-ostakli li iċ-ċittadini jiltaqgħu magħhom fl-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet – u li jittejbu l-monitoraġġ u l-effikaċja tal-programmi u l-inizjattivi tal-UE f'dan il-qasam;
13. Jisħaq fuq l-importanza tar-rwol li għandhom il-mezzi tax-xandir u s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u jstieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għaldaqstant, joħolqu qafas legali li jippromwovi l-pluraliżmu u l-indipendenza tal-midja u l-aċċessibilità ta' informazzjoni oġġettiva għaċ-ċittadini;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa kriterji speċifiċi, b'attenzjoni partikolari għall-aspetti edukattivi, biex tevalwa l-implimentazzjoni u r-rendiment tal-programmi Ewropej li jippromwovu iċ-ċittadinanza attiva;
15. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li iċ-ċittadini b'diżabilità u iċ-ċittadini vulnerabbli jkunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet u l-opportunitajiet mogħtija miċ-ċittadinanza tal-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha tal-UE jintroduċu Karta tad-Diżabilità tal-UE sabiex tiġi

ffaċilitata l-mobilità tal-persuni b'diżabilità fl-Unjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li tittejjeb l-aċċessibilità għas-siti web tal-UE għall-persuni b'diżabilità;

16. Jappoġġja r-reviżjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) bil-għan li jittejjbu l-aċċessibilità u l-faċilità tal-użu tagħha; jenfasizza l-ħtieġa li jittejjbu l-funzjonament u s-sensibilizzazzjoni tal-ECI fost il-pubbliku sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tagħha li trawwem il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u d-dibattitu demokratiku;
17. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2016-2018 billi jiffokaw fuq il-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva u fuq it-tisħiħ tal-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika u ċivika fl-UE;
18. Jissottolinja l-fatt li r-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh u l-opportunitajiet inċerti għall-futur għadhom sors ta' tħassib kbir fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa; ifakkar, f'dan il-kuntest, l-għanijiet stipulati fid-Dikjarazzjoni u l-Pjan Direzzjonali ta' Bratislava li "jinħoloq futur ekonomiku promettenti għal kulħadd, jiġi ssalvagwardjat l-istil tal-ħajja tagħna u jiġu pprovduti opportunitajiet aħjar għaż-żgħażaġh"; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tappoġġja liż-żgħażaġh billi tagħtihom opportunitajiet ġodda fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi;
19. Jisħaq fuq ir-rwol tat-traineeships u l-apprendistati li jgħinu lill-istudenti u l-gradwati jakkwistaw għarfien Prattiku u esperjenza professjonali; jappoġġja, f'dan il-kuntest, il-ħolqien ta' pjattaforma unika u ċentralizzata għal traineeships u apprendistati transkonfinali kif issuġġerit fil-konsultazzjoni pubblika;
20. Jisħaq fuq l-importanza tal-volontarjat bħala komponent essenzjali tal-programmi li jippromwovu ċ-ċittadinanza attiva; ihegġegħ l-iżvilupp ta' kurrikuli li jinkludu kontenut edukattiv u involviment ċiviku kif ukoll ir-rikonossiment tal-volontarjat bħala attività li tista' tissarraf fi krediti;
21. Jenfasizza li l-volontarjat ma jistax jieħu post l-impjieg imħallas u jisħaq fuq l-idea bażika li l-impjiegi mħallsa jiżguraw sens ta' appartenenza f'komunità, involviment u parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika u, fl-aħħar mill-aħħar, involviment ċiviku;
22. Jenfasizza r-rwol tal-isport, partikolarment fil-livell lokali, bħala kontributor għaċ-ċittadinanza attiva billi jippromwovi l-fehim u r-rispett reċiproċi filwaqt li jrawwem il-valuri u l-prinċipji tal-UE; ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja l-inizjattivi sportivi li jirrispettaw il-prattika taċ-ċittadinanza attiva u l-valuri ċiviċi, u b'hekk jiżviluppaw sens komuni ta' appartenenza;
23. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli tagħti l-appoġġ tagħha għal azzjonijiet u inizjattivi li jippromwovu d-drittijiet taċ-ċittadini u ċ-ċittadinanza attiva; jenfasizza l-fatt li inizjattivi ġodda f'dan il-qasam għandhom ikunu komplementari għal dawk eżistenti u m'għandhomx jaffettwaw il-baġits attwali tal-programmi;
24. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tniedi għodda ta' tagħlim elettroniku fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jiġu ffaċilitati fehim aħjar u implimentazzjoni xierqa tar-regoli tal-moviment liberu, u li toħloq "Portal Diġitali Uniku" li jipprovdri informazzjoni online għaċ-ċittadini u n-negozji fis-suq uniku tal-UE; jinnota li dawn l-għodod għandhom jagħtu informazzjoni konsistenti u faċli li tinftiehem mill-utent dwar

id-drittijiet taċ-ċittadini fl-UE u l-implimentazzjoni Prattika tagħhom; jirrimarka li dawn l-għodod għandhom ikunu konnessi ma' għodod eżistenti f'dan il-qasam bħal Europe Direct u L-Ewropa Tiegħek;

25. Jissottolinja l-importanza tal-iskambju u t-tixrid tal-aħjar prattiki għall-promozzjoni tal-għarfien dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE u l-involviment tagħhom fil-ħajja ċivika u politika madwar l-UE;
26. Jissottolinja l-importanza li l-Membri tal-PE u personalitajiet prominenti Ewropej oħra jqajmu kuxjenza dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, speċjalment fost iż-żgħażaġh;
27. Jappoġġja l-produzzjoni u t-tixrid ta' produzzjonijiet multimedjali u tal-istampa bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE li jiffukaw fuq it-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-UE dwar id-drittijiet tagħhom u t-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li jinfurzaw dawn id-drittijiet b'mod effikaċi;
28. Jidentifika mal-kunċett li ċ-ċittadinanza tal-UE tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' soċjetà Ewropea aktar magħquda, u b'hekk jitravmu l-fehim reċiproku, id-djalogu interkulturali, u l-kooperazzjoni transnazzjonali.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	10.10.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 24 - : 2 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Nikolaos Chountis, Silvia Costa, Mircea Diaconu, Damian Drăghici, Angel Dzhambazki, María Teresa Giménez Barbat, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Rupert Matthews, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Michaela Šojdrová, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Krystyna Łybacka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Michel Reimon, Remo Sernagiotto
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Miltiadis Kyrkos, Jarosław Wałęsa, Patricija Šulin

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

24	+
ALDE	Mircea Diaconu, María Teresa Giménez Barbat
ECR	Angel Dzhambazki, Remo Sernagiotto
EFDD	Isabella Adinolfi
GUE/NGL	Nikolaos Chountis, Curzio Maltese
PPE	Andrea Bocskor, Svetoslav Hristov Malinov, Michaela Šojdrová, Patricija Šulin, Sabine Verheyen, Jarosław Wałęsa, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski
S&D	Silvia Costa, Damian Drăghici, Miltiadis Kyrkos, Krystyna Lybacka, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Julie Ward
Verts/ALE	Michel Reimon, Helga Trüpel

2	-
ECR	Rupert Matthews
ENF	Dominique Bilde

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni